# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 34**

**Rikors numru 621/17/2 MCH**

**Joseph u Vincenza konjugi Attard**

**v.**

**Mario Attard, Damian Attard u**
**l-kumpanija Enemalta p.l.c. (C 65836)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat fl-10 ta' Lulju, 2017, u li jaqra hekk:

> "1. Illi permezz ta' kuntratt datat tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), riċevut min-Nutar Pubbliku Anthony Hili, l-atturi akkwistaw b'titolu ta' enfitewsi temporanja mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet kif awtorizzat biex jidher f'isem il-Gvern ta' Malta, il-barriera

fil-kuntrada msejħa "ta' Kuttaf Gandolf', limiti tal-Imqabba, bil-kejl ta' ċirka tlettax-il elf sitt mija u disgħa u għoxrin metru kwadru (13,629 m.k.), konfinanti mil-lbiċ ma' proprjeta tal-Gvern, mix-xlokk ma' Valletta Road, u mil-lvant ma' beni tal-familja Zahra jew tas-suċċessuri tagħhom fit-titolu, u dan taħt il-kundizzjonijiet u l-pattijiet stipulati fl-att pubbliku preċitat.

2. Illi fl-estensjoni tat-territorju konċess lill-atturi in enfitewsi, hemm kamra li ilha snin sħaħ fil-pussess esklussiv tal-atturi, tant li l-aċċess għaliha huwa mbarrat b'bieba tal-ħadid imsakkra b'katnazz, li tagħti għal passaġġ li jwassal għall-kamra in kwistjoni, li tkun ukoll imsakkra b'katnazz, u dan kollu dejjem fuq il-proprjeta tal-atturi. Il-kamra in kwistjoni fiha l-*main switch*, l-arloġġ tad-dawl, kif ukoll il-komunikazzjoni tad-dawl tal-kumpanija Enemalta plc, li lkoll iservu l-barriera tal-atturi.

3. Illi fit-23 ta' Mejju 2017, għal xi 7pm, l-atturi lemħu lill-konvenuti Attard, u terz inkarigat minnhom, fil-proprjeta tagħhom, u wara li ssejjħu l-uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post, ġie kkonstatat li dawn daħlu fil-proprjeta tal-atturi billi llievaw il-firrolli, u dan bl-iskop li l-kumpanija konvenuta tipprovdi lill-konvenuti Attard bi provvista tad-dawl fil-barriera posseduta minnhom biswit dik tal-atturi, billi jsir użu mill-kamra appartenenti lill-istess atturi, u dan mingħajr il-kunsens tal-istess atturi.

4. Illi dan kollu jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-atturi, billi l-atturi għandhom il-jedd għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom, u li ma jiġux moiestati u turbati fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom.

5. Illi l-atturi talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti, sabiex il-konvenuti jiġu miżmuma milli "jaċċedu, jeżerċitaw pussess jew detenzjoni, jew b'kull mod ieħor jidħlu fi kwalsiasi parti tal-proprjeta tar-rikorrenti, u ċioè l-barriera fil-kuntrada msejħa "ta' Kuttaf Gandolf", limiti tal-Imqabba, bil-kejl ta' ċirka tlettax-il elf sitt mija u disgħa u għoxrin metru kwadru (13,629 m.k.), konfinanti mil-lbiċ ma' proprjeta tal-Gvern, mix-xlokk ma' Valletta Road, u mil-lvant ma' beni tal-familja Zahra jew tas-suċċessuri tagħhom fit-titolu, kif aħjar deskritta fil-kuntratt datat tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), riċevut min-Nutar Pubbliku Anthony Hili, u dan għal kwalsiasi raġuni, u senjatament sabiex jistallaw, iweħħlu jew jgħaddu komunikazzjonijiet tal-elettriku ma' dawk eżistenti u li jinsabu fil-proprjeta tar-rikorrenti", liema talba ġiet milqugħa definittivament b'dilgiet mogħti fit-22 ta' Ġunju 2017 bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti Attard, għajr dawk tal-kumpannija konvenuta li ġiet akkollata l-ispejjeż tagħha stess.

6. Illi għalhekk qed issir din il-kawża.

7. Illi Joseph Attard jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalrnent.

Għaldaqstant l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvedirnent jew dikjarazzjoni oħra opportuna, jogħġobha:

(1) tiddeċiedi u tiddikjara illi bl-aġir tagħhom il-konvenuti, jew minn minnhom, immolestaw u itturbaw il-pussess tal-atturi u kif ukoll tellfu lill-atturi fit-tgawdija paċifika tal-proprjeta tagħhom;

(2) tordna u tikkundanna lill-konvenuti, jew minn minnhom, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi minnha prefiss, ireġġgħu lura kull att u għemil minnhom kommess u li bihom l-atturi ġew molestati u turbati fil-pussess tagħhom, u li bihom l-atturi ġew imtellfin mit-tgawdija paċifika tal-proprjeta tagħhom, u dan kollu taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi;

(3) tawtorizza lill-atturi sabiex, f'każ li l-konvenuti ma jottemporawx ruħhom mal-ordni mogħti skond it-talba preċedenti, iwettqu huma stess, taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi, dak kollu neċessarju biex jitreġġgħa lura kull att u għemil kommess mill-konvenuti u li bihom l-atturi ġew molestati u turbati fil-pussess tagħhom, imtellfin mit-tgawdija paċifika tal-proprjeta tagħhom, bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-konvenuti;

(4) tordna lill-konvenuti, jew minn minnhom, sabiex taħt piena ta' disprezz lejn l-Awtorita tagħha, jiddeżistu milli jaċċedu, jeżerċitaw pussess jew detenzjoni, jew b'kull mod ieħor jidħlu fi kwalsiasi parti tal-proprjeta tal-atturi, u dan għal kwalsiasi raġuni, u senjatarnent sabiex jistallaw, iwaħħlu jew jgħaddu komunikazzjonijiet tal-elettriku ma' dawk eżistenti u li jinsabu fil-proprjeta tal-atturi, u dan previa kull provvedirnent jew dikjarazzjoni oħra opportuna.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

B'riserva ta' kull dritt ieħor spettanti lill-atturi skont il-liġi".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Mario Attard u Damian Attard li in forza tagħha eċċepew:

"1. ILLI fl-ewwel lok, għandu jingħad illi bejn il-partijiet għaddejja kawża oħra, inizjata mir-rikorrenti odjerni (Rik. Ġur. Nru 48/2010AE) li fiha ukoll ir-rikorrenti qed jitolbu li Mario Attard u martu Antonia jiġu inibiti milli jfixklu lir-rikorrenti mill-pussess tagħhom tal-istess proprjeta; l-unika differenza bejn iż-żewġ kawżi hija li dak iż-żmien ir-rikorrenti kienu qed jivvantaw titolu ta' qbiela, u llum qed jivvantaw titolu ta' enfitewsi temporanja, u li f'din il-kawża daħħlu ukoll lii Damian Attard li jaħdem ma' missieru Mario u lill-Enemalta; tali kawża nqatgħet favur ir-rikorrenti, tinsab fi stadju ta' appell; l-intimat Mario Attard jikkontendi li l-art in kwistjoni kienet ġiet sullokata indiviżament lilu u lir-rikorrent Joseph Attard (u aħwa oħra) minn missierhom permezz ta' skrittura datata 22 ta' Diċembru 1976 (Dok. MA1), u li sussegwentement saru skritturi oħra li permezz tagħhom Joseph u Mario Attard l-ewwel xtraw

l-ishma ta' ħuthom, fit-tieni lok ġiet assenjata l-kirja oriġinali favur tagħhom minn ommhom Angela Attard, indiviżament (Dok. MA6), u fit-tielet lok qasmu bejniethom, skond ma kienet tippermetti l-iskrittura tas-sullokazzjoni (Dok. CM1, CM2 u MAP); sussegwentement, Joseph Attard impunja l-validita tal-iskrittura tal-qasma li saret bejn il-partijiet, ottjena mingħand l-omm skrittura ta' assenjazzjoni ġdida li tagħti drittijiet esklussivi fuq tliet kwarti tal-art lilu biss, u mbagħad ottjena mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet l-ewwel ir-rikonoxximent tat-tieni assenjazzjoni, billi l-ewwel assenjazzjoni kienet għadha ma ġietx proċessata, u mbagħad konċessjoni enfitewtika temporanja; għaldaqstant l-esponenti jeċċepixxu l-*lis alibi pendens*;

2. ILLI meta saret il-qasma bejn l-aħwa Attard (Dok. CM1, CM2 u MAP), kien sar ftehim fis-sens illi l-parti fejn tinsab il-kamra tad-dawl in kwistjoni tibqa' indiviża u komuni bejniethom, tant illi lanqas tidher fil-pjanta Dok. MAP; sussegwentement, sar ftehim verbali fis-sens illi l-intimat Mario Attard jieħu l-kamra tad-dawl l-antika (dik mertu tal-mandat 791/17JRM) u Joseph Attard jibni kamra tad-dawl għalih. Tant hu hekk, illi Joseph Attard stess applika biex jibni kamra tad-dawl ġdida, u ppreżenta lill-MEPA pjanti li juru li l-kamra l-antika hija *third party property* (Dok. AS). Il-Perit Alan Saliba huwa l-perit inkarigat mir-rikorrent, kif jidher mill-atti tar-Rik. Ġur. Nru 48/2010AE;

3. ILLI s-sitwazzjoni odjerna, għalhekk, hija li, nonostante ċ-ċens mogħti sussegwentement lir-rikorrenti, l-esponenti Mario Attard u martu għadhom isostnu li għandhom titolu ta' kera, indiviżament mar-rikorrenti, fuq parti mill-art mertu taċ-ċens (il-parti li tħalliet indiviża), u kirja esklussiva fuq parti oħra (fejn ġie assenjat lil Mario Attard fl-iskritturi Dok. CM1, CM2 u MAP); u li tali pussess għandhorn kull dritt li jippreżervawh sakemm tinqata' l-kawża Rik. Ġur. Nru 48/2010AE (Dok. AE);

4. ILLI fil-frattemp, waqt il-mori tal-kawża ċitata, ir-relazzjonijiet ta' bejn l-aħwa ħżienu ħafna, u r-rikorrenti bdew jaraw x'se jagħmlu biex jaqtgħu il-provvista tal-elettriku lill-esponenti, għal raġunijiet ta' pika biss, u intavolaw l-ewwel mandat ta' inibizzjoni tagħhom, Nru 790/2008RCP fis-27 ta' Mejju 2008 sabiex iżommu lill-esponent milli jkompli juża l-provvista tad-dawl eżistenti; tali mandat ġie miċħud fit-18 ta' Ġunju 2008, għar-raġunijiet hemmhekk spjegati (Dok. RCP);

5. ILLI sussegwentement, ir-rikorrent ottjena permess sabiex jibni kamra tad-dawl ġdida, skond l-applikazzjoni li kienet saret (Dok. AS); madanakollu, ma kienx kuntent li jkollu provvista tal-elettriku separata minn tal-esponent, u baqa' jiġri wara l-Enemalta sabiex jitneħħa l-arloġġ l-antik, nonostante li dan kien jgħajjat lill-aħwa Attard flimkien, kif jixhdu Dok. EM1, EM2 u EM3, esklussivament sabiex jagħmel ħsara lil ħuh;

6. ILLI dak iż-żmien, saru diversi laqgħat mal-Enemalta biex tissolva l-kwistjoni; l-avukat sottoskritt kien preżenti għal laqgħa minnhom fejn ir-

rappreżentanti tal-Enemalta għamluha ċara li jekk ma jintlaħaqx qbil bejn il-partijiet, il-*meter* l-antik ma kienx ser jinqala', u jekk jinqala' (għaliex Joseph Attard kien qed jirrifjuta li jħallas sehmu mill-kontijiet) ma jerġax jingħata l-elettriku lil ħadd mill-partijiet sakemm ma jitlaħaqx qbil. Madanakollu, ftit żmien wara, l-arloġġ l-antik inqala' mill-impjegati tal-Enemalta, u reġa’ twaħħal l-istess arloġġ, fl-istess kamra (l-antika), din id-darba fuq isem Joseph Attard biss, b'mod illi l-esponent ġie mċaħħad mill-provvista tal-elettriku, filwaqt illi l-kamra tad-dawl il-ġdida mibnija minn Joseph Attard baqgħet vojta u ma tintużax;

7. ILLI l-esponent Mario Attard, a kuntrarju tar-rikorrent, ma kellux ambjenti oħra fejn iwaħħal arloġġ tal-elettriku għalih, għaliex l-ambjenti l-oħra li jinsabu f idejh huma n-naħa l-oħra tal-barriera, u l-provvista tal-elettriku ma tistax tgħaddi minn fuq barriera fonda għaxar sulari; għalhekk, l-esponent ilu diversi snin jiftaqar juża *generator*, bit-tama li xi darba tinqata' l-kawża favur tiegħu. Riċentement, pero, l-esponent irnexxielu jikkonvinċi liċ-Chairman tal-Enemalta (is-Sur Frederick Azzopardi) li saret inġustizzja miegħu, u dan billi l-istess Chairman ammetta mal-esponent li l-arloġġ l-antik mhux suppost li nqala' mingħajr il-kunsens taż-żewġ aħwa Attard. Għal din ir-raġuni, intlaħaq ftehim bejn l-esponent Mario Attard us-Sur Azzopardi li ssir applikazzjoni ġdida minn Mario Attard, u li jiġi installat arloġġ ġdid, jgħajjat lii Mario Attard waħdu, fl-istess kamra minn fejn kien inqala' l-arloġġ l-antik;

8. ILLI b'xi mod, ir-rikorrent sar jaf b'dak li kien qed jiġi miftiehem, għax nhar it- Tlieta 23 ta' Mejju 2017, filgħodu, l-esponent Mario Attard ra lii ħuh Joseph Attard jiwweldja xi ħaġa mal-bieb li jagħti għall-passaġġ tal-kamra tad-dawl, kif ukoll mal-bieb tal-kamra nnifisha. Dak il-ħin, biex ma jaqlgħax ġlied, l-esponent ma għamel xejn, u x 'ħin ħuh warrab mar jara x'għamel, u rriżulta li kien ħa l-liġi b'idejh billi biddel is-serratura tal-kamra u għamlilha ukoll firroll ġdid bil-katnazz, kif ukoll biddel il-katnazz tal-bieb li jagħti għall-passaġġ. L-esponent f'dan il-punt kien kostrett li jiżgassa, ħaġa li kellu kull dritt li jagħmel a bażi tal-prinċipju *vim vi repellere licet*, kostantement rikonoxxut mill-Qrati tagħna; il-ħin kien is-sagħtejn ta' wara nofsinhar. Dakinhar stess, filgħaxija, ir-rikorrent reġa' sewwa l-iżgass, u nhar l-Erbgħa, 24 ta' Mejju 2017, wara nofsinhar, l-esponent reġa' żgassa billi kienu ġejjin l-impjegati ta' l-Enemalta sabiex iwaħħlu l-arloġġ il-ġdid. Ftit wara, ġew l-impjegati tal-Enemalta biex iwaħħlu l-arloġġ il-ġdid, imma dak il-ħin ġew infurmati li l-mandat 791117JRM kien ġie notifikat lill-Enemalta, u għalhekk l-arloġġ ma weħilx; sussegwentement, dakinhar stess, l-istess mandat ġie notifikat ukoll lill-esponenti, li għalhekk ġew issa inibiti milli jerġgħu jaċċedu fl-ambjenti mertu tal-mandat, u għalhekk ma jafux jekk reġgħux twaħħlu l-katnazzi msemmija, imma wara li ġie degretat finalment il-rnandat 791/17 raw lir-rikorrent jerġa' jiwweldja mal-bibien fuq imsemmija u għalhekk qed jassumu li r-rikorrent reġa' nstalla l-katnazzi;

9. ILLI l-esponenti qegħdin jidħlu fid-dettall dwar il-kronoloġija tal-fatti dwar l-ispolji imwettqa mir-rikorrent u dwar l-iżgassi mwettqa mill-

esponent għaliex sussegwentement ir-rikorrent għamel rapport l-għassa li seħħ żgass nhar l-Erbgħa, 24 ta' Mejju, bil-lejl, wara li ġie notifikat il-mandat 791/17JRM, meta t-tieni żgass kien seħħ wara nofsinhar, qabel in-notifika tal-mandat; l-esponent ma jafx jekk dan huwiex żball ġenwin tar-rikorrent, jew inkella tentattiv da parti tar-rikorrent biex jakkuża lill-esponenti bi ksur ta' dan il-rnandat;

10. ILLI għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jeċċepixxu umilment:

a. illi l-esponent Damian Attard ma għandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni, billi qatt ma ppretenda li għandu titolu fuq l-ambjenti in kwistjoni, u kien jidħol fihom biss biex jgħin lii missieru Mario, u billi l-applikazzjoni għall-arloġġ tal-elettriku mertu tal-kawża applika għalih Mario Attard biss;

b. illi l-esponent Mario Attard ilu jippartеċipa fil-pussess tal-ambjenti in kwistjoni sa mis-sena 1976, kif jixhed Dok. MA1, u li t-talba tar-rikorrent għall-iżgumbrament tal-esponent mill-ambjenti minnu pretiżi għadha *sub judice*, u tistenna l-eżitu ta' appell; u

c. illi din il-kawża għalhekk għandha l-iskop illi tippreżerva stat ta' fatt maħluq illegalment u abbużivament mir-rikorrenti bħala riżultat ta' *ragion fattasi*, proprju fil-ġranet li fihom ġie intavolat il-mandat 791/17JRM;

11. ILLI għalhekk, l-esponenti jiċħdu l-kontenut tal-premessi kollha attriċi, jikkontestaw it-talbiet u jissottomettu li ma hemm l-ebda att li sar li jeħtieġ reintegrazzjoni, billi r-rikorrent diġà ħa l-liġi f'idejh u reġa' nstalla l-katnazzi li kien weħħel;

12. ILLI d-dokumenti li għalihom qed issir referenza jinsabu annessi mar-risposta fl-atti tal-mandat 791/17JRM u għalhekk issir talba minn issa sabiex jiġu annessi;"

3. Rat ir-risposta tas-soċjetà konvenuta Enemalta p.l.c. li in forza tagħha eċċepiet:

"Illi skond ir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħhom ir-rikorrenti akkwistaw b'titolu ta' enfitewsi temporanja mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet kif awtorizzat biex jidher f'isem il-Gvern ta' Malta, il-proprjetà msemmija fir-rikors tagħhom u din il-proprjetà ġiet akkwistata mir-rikorrenti permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Novembru 2013 riċevut min-Nutar Pubbliku Anthony Hili.[1] Ir-rikorrenti jallegaw ukoll fir-rikors ġuramentat tagħhom illi fl-estensjoni tat-territorju konċess lir-rikorrenti

[1] Rikors guramentat tar-rikorrenti Joseph u Vincenza konjugi Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpanija Enemalta plc bin-numru 621/17MCH datat 10 ta' Lulju 2017.

in enfitewsi hemm kamra u din il-kamra ilha snin sħaħ fil-pussess esklussiv tar-rikorrenti.[2] Skond ir-rikorrenti fil-kamra in kwistjoni hemm il-*main switch*, l-arloġġ tad-dawl, u l-komunikazzjonijiet tad-dawl tas-soċjetà Enemalta plc.[3] Fir-rikors ġuramentat tagħhom ir-rikorrenti jallegaw illi fit-23 ta' Mejju 2017, għal xi 7pm ir-rikorrenti lemħu lill-intimati Attard, u terz inkarigat minnhorn fil-proprjetà tagħhom, u wara li ssejħu l-uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post ġie kkonstatat li dawn daħlu fil-proprjetà tar-rikorrenti billi llievaw il-firrolli, u dan bl-iskop li s-soċjetà intimata tipprovdi lill-intimati Attard provvista tad-dawl fil-barriera posseduta minnhom biswit dik tar-rikorrenti, billi jsir użu mill-kamra appartenenti lill-istess rikorrenti, u dan mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti.[4]

Illi l-allegazzjonijiet illi qegħdin jagħmlu r-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħhom fir-rigward tas-soċjetà Enemalta plc huma infondati fill-fatt u fid-dritt għal diversi raġunijiet u dan kif ser jiġi ppruvat f'din il-kawża, u wħud minn dawn ir-raġunijiet jinsabu spjegati fil-qosor f'din ir-risposta ġuramentat.

Illi r-rikorrenti fir-rikors tagħhom tagħhom ma jagħmlu ebda referenza għal xi disposizzjonijiet legali li jinsabu fil-liġi sabiex jissostanzjaw l-argumenti tagħhom.[5]

Illi huwa minnhu illi fit-22 ta' Ġunju, 2017 ingħatat deċiżjoni mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ppreseduta mill-Onor. Joseph R. Micallef LL.D. fl-ismijiet: '*Joseph Attard u Vincenza Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpannija Enemalta p.l.c*.' (Rik. Nru. 791/17JRM) u permezz ta' din id-deċiżjoni l-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u s-soċjetà intimata qiegħda tirrispetta l-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet ta' din l-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti. Imma tajjeb illi insemmu l-fatt illi talbiet għall-ħruġ ta' mandati ta' inibizzjoni jintlaqgħu jekk mad-daqqa ta' għajn ċioè fuq livell *prima facie* r-rikorrenti jidhru illi jkollhom dawk il-jeddijiet.[6] Għalhekk il-fatt illi talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tintlaqa ma' jfissirx illi l-jedd tar-rikorrenti ġie ppruvat.[7]

Illi għalkemm jidher bl-aktar mod ċar illi din hija kwistjoni bejn lir-rikorrenti u l-konvenuti l-oħrajn, għal-liema kwistjoni s-soċjetà Enemalta

---

[2] Rikors guramentat tar-rikorrenti Joseph u Vincenza konjugi Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpanija Enemalta plc bin-numru 621/17MCH datat 10 ta' Lulju 2017.
[3] Rikors guramentat tar-rikorrenti Joseph u Vincenza konjugi Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpanija Enemalta plc bin-numru 621/17MCH datat 10 ta' Lulju 2017.
[4] Rikors guramentat tar-rikorrenti Joseph u Vincenza konjugi Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpanija Enemalta plc bin-numru 621/17MCH datat 10 ta' Lulju 2017.
[5] Rikors guramentat tar-rikorrenti Joseph u Vincenza konjugi Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpanija Enemalta plc bin-numru 621/17MCH datat 10 ta' Lulju 2017.
[6] '*Joseph Attard u Vincenzo Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpanija Enemalta p.l.c.*' (Rik. Nru. 791/17JRM) deciza fit-22 ta' Gunju, 2017 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Onor. Joseph R. Micallef LL.D., pagna 4.
[7] '*Joseph Attard u Vincenza Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpanija Enemalta p.l.c.*' (Rik. Nru. 791/17JRM) deciza fit-22 ta' Gunju, 2017 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Onor. Joseph R. Micallef LL.D., pagna 5.

plc hija għal kollox estraneja, s-soċjetà Enemalta plc trid tisħaq illi ħadd mill-impjegati tagħha ma daħal fil-proprjetà in kwistjoni fit-23 ta' Mejju 2017 u lanqas wara t-23 ta' Mejju 2017, u barra minn hekk ir-rikorrenti ma ġabu ebda prova ta' ebda tip illi tindika illi s-soċjetà Enemalta plc kienet daħħlet fil-proprjetà tagħhom fit-23 ta' Mejju 2017. Fil-fatt ninnutaw illi a fol. 58 sa 62 tal-proċess tal-imsemmija deċiżjoni li ngħatat fit-22 ta' Ġunju, 2017 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ppreseduta mill-Onor. Joseph R. Micallef LL.D. fl-ismijiet: '*Joseph Attard u Vincenza Attard vs Mario Attard, Damian Attard u l-kumpanija Enemalta p.l.c.*' (Rik. Nru. 791/17JRM) hemm dokument immarkat bħala Dok. JA1 fl-imsemmi proċess illi jindika l-persuni illi r-rikorrenti jallegaw illi lemħu fl-imsemmija proprjetà tagħhom fit-23 ta' Mejju 2017, u ninnutaw illi f'dan id-dokument ir-rikorrenti qatt ma jsemmu lis-soċjetà Enemalta plc (dan l-imsemmi dokument jinsab hawn anness u mmarkat bħala ***"Dokument A"***). Dan ifisser illi mhuwiex minnhu illi s-soċjetà intimata għamlet xi ħaġa biex ittellef u/jew iċċaħħad lill-atturi mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kif ħa jiġi ppruvat f'din il-kawża u għal dan ir-raġuni s-soċjetà Enemalta plc umilment tissottometti illi t-talbiet illi għamlu r-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħhom ma japplikawx għas-soċjetà Enemalta plc.

Illi f'każijiet illi jikkonċernaw xi installazzjoni ta' provvista tad-dawl is-soċjetà Enemalta plc u persuni illi jridu jsiru konsumaturi tad-dawl huma obbligati illi jimxu skond il-liġi speċjali illi tapplika għal dawn il-każijiet ċioè skond ir-Regolamenti fuq il-Provvista ta' l-Elettriku, Leġislazzjoni Sussidjarja 545.01.

Illi għalhekk, in vista ta' dak suespost u tal-fatti tal-każ kif esposti, s-soċjetà Enemalta plc titlob illi tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Hija ma għandha xejn x'iżżid u xejn x'taqsam mal-kwistjoni odjerna għajr illi qed tiġi imdaħħla f'dawn il-proċeduri biss għall-iskop illi ma tipproċedix b'xi applikazzjonijiet li għamlu jew setgħu għamlu l-intimati l-oħrajn.

Din il-kawża hija għal kollox irrita u qed twassal sabiex l-Enemalta plc teħel l-ispejjeż sabiex tiddefendi din il-kawża, f'liema kawża hija assolutament ma għandha xejn xi tgħid jew x'tiddefendi.

Għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti fil-konfront tas-soċjetà Enemalta plc bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa huma ngunti in subizzjoni".

4. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri ta' Mario Attard u Damian Attard li in forza tagħha eċċepew:

> "ILLI in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-atturi, magħmula matul is-seduta li nżammet quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2017, li permezz tagħha dikjaraw li din il-kawża hija kawża ta' spoll, l-esponenti jeċċepixxu umilment illi kawża ta' spoll għandha l-iskop li tirreintegra lill-atturi fil-pussess vantat minnhom, mentri fil-każ odjern huwa paċifiku bejn il-partijiet illi l-pussess li qed jivvantaw l-atturi jinsab f'idejhom u ilu f'idejhom minn qabel ma nfetħet il-kawża;"

5. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2018, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u astjeniet milli tieħu aktar konjizzjoni tal-kawża, spejjeż għall-atturi;

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Joseph Attard xehed li l-konvenut m'għandux mod kif jidħol fil-kamra billi hu għandu ċ-ċwievet. Il-kawża għamilha biex ma jidħlulux fil-kamra. Il-konvenuti kienu pprovaw jisgassaw f'Mejju 2017 u hu reġgħa qed katnazzi ġodda. Imbagħad il-kantanzzi ma tmexxewx. Il-katnazzi għamilhom qabel il-kawża. Kien ħareġ mandat ta' inibizzjoni u għamel dina l-kawża. Illum il-ġurnata għandu pussess sħiħ ta' dawn il-kmamar u ħadd ma jista' jidħol fihom.
>
> Mario Attard xehed li l-kamra tinsab f'idejn l-attur u ilha hekk minn qabel fetaħ il-kawża. Igħid li l-attur kien biddel is-serratura u huwa imbagħad sgassa is-serratura imma filgħaxija l-attur reġa sewwa l-isgass. L-għada huwa reġa' sgassa għax kienu ġejjin l-impjegati tal-Enemalta imma billi kien inħareġ mandat ta' inibizzjoni hu ma setgħax jaċċedi għal kamra. Imbagħad l-attur reġa waħħal il-katnazzi.
>
> Inkontroeżami wieġeb li kieku ma kienx għal mandat hu kien jidħol fil-kamra kif kien ilu jidħol minn 1983.
>
> Damian Attard ikkonferma dak li xehed missieru.
>
> **Kontestazzjoni**
>
> Illi l-konvenuti Mario Attard u Damian Attard eċċepew ulterjorment li l-atturi ddikjaraw fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017 li l-kawża hija

waħda ta' spoll, u billi kawża ta' spoll għandha l-iskop li tirreintegra lill-atturi fil-pussess vantat minnhom, fil-kawża odjerna huwa paċifiku li l-pussess vantat mill-atturi jinsab diġa f'idejhom u ilu f'idejhom minn qabel infetħet il-kawża. Għalhekk isostnu li l-mertu tal-kawża huwa eżawrit u dina l-Qorti m'għandhiex tieħu aktar konjizzjoni tal-kawża.

L-atturi, min-naħa l-oħra jisħqu li n-natura tal-azzjoni toħroġ mill-premessi u mit-talbiet u mhux mid-definizzjonijiet li jagħtu l-partijiet. In-natura tal-azzjoni hija dik li hi skond il-premessi u t-talbiet u dana jrid jiġi determinat mill-Qorti. L-atturi ddikjaraw li l-verbal huwa dak li hemm miktub u joqgħodu fuqu (ara tratttazzjoni orali).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-partijiet jaqblu li kien hemm att spoljattiv (sgass tal-katnazzi), imma waqt li l-konvenuti jsostnu li l-atturi ġew rientegrati fil-pussess qabel infetħet il-kawża u jekk riedu li jiddefendu l-pussess messhom ressqu l-*actio manutenionis*, l-atturi min-naħa l-oħra jsostnu li huma għandhom interess f'dina l-kawża billi l-pretensjoni tal-konvenuti li għandhom dritt li jkollhom arloġġ tad-dawl fil-kamra (fil-pussess tal-atturi) għadha hemm u l-applikazzjoni biex iwaħħlu dana l-arloġġ għadha pendenti u ma ġietx attwata minħabba l-mandat ta' inibizzjoni. Isostnu li l-ispoll ma ġiex spurgat billi l-konvenuti għadhom ma rrinunzjawx għall-applikazzjoni għat-twaħħil tal-arloġġ ġol-pussess tal-atturi. Dan huwa wkoll forma ta' spoll.

Il-Borsari ifisser hekk id-distinzjoni bejn iż- żewġ azzjonijiet u jgħid li: Chi e` molestato nel possesso puo` chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo` chiedere la reintegrazzione. Kif ġie deċiż fil-kawża **Vella vs Boldarini** (App 24/02/1967), "L-azzjoni ta' spoll għandha karattru rikuperatorju mentri l-azzjoni ta' manutenzjoni għandha karattru konservattiv."

Huwa ċar mill-premessi u mit-talbiet tal-atturi li din tagħhom tallum ma hijiex l-azzjoni taż-żamma fil-pussess (artikolu 534), imma dik tar-reintegrazzjoni (artikolu 535), kif del resto stqarru l-atturi fit-trattazzjoni tagħhom. L-iskop ta' azzjoni ta' spoll huwa r-reintegrazzjoni in forza tal-prinċipju spoliatus ante omnia restituendus.

L-attur Joseph Attard xehed li l-konvenut ma għandux mod kif jidħol fil-kamra billi hu għandu ċ-ċwievet. Hu reġa waħħal il-kantanzzi u l-konvenuti ma reġgħux mexxew għax hemm il-mandat. Il-katnazzi għamilhom qabel il-kawża u llum il-ġurnata għandu pussess sħiħ ta' dawn il-kmamar u ħadd ma jista' jidħol fihom.

Dan iffisser li meta ġiet ippreżentata l-kawża ma hemm ebda att jew egħmil x'jittreġġħa lura billi l-attur kien qiegħed fil-pussess sħiħ tal-proprjeta tiegħu.

L-attur jargumenta pero li l-konvenut għadu qed jippretendi li għandu dritt li jwaħħal l-arloġġ fil-kamra u l-applikazzjoni li għamel f'dan is-sens mal-Enemalta għada hemm u ma ġietx rinunzjata għalhekk dina hija wkoll forma ta' spoll.

Illi kif igħid it-Trabucchi, *Istituzioni di Diritto Civile*, Cedam (1981) p. 456:

> "Le turbative o molestie, contro le quali l'azione (di manutenzione) si esercita, sono di fatto o diritto, e presuppongono una coscienza in chi le attua: non e'necessaria la dimostrazione di un animus turbandi, come invece per l'azione di spoglio si richiede l'animus spoliandi. Esempi di molestie di fatto: un terzo scava una buca, taglia degli alberi, oppurte esercita il passagio con carri o altro sul mio fondo; esempio di molestia di diritto: un terzo intima all'affituario del mio fondo di pagare a lui il fitto".

L-istess ġie deċiż fil-każ Vella vs Boldarino fejn jingħad li huwa fil-każ tal-azzjoni ta' manutenzjoni li l-molestja tista' tkun kemm ta' fatt kif ukoll ta' dritt u li ma teskludiex xi forma ta' reintegrazzjoni.

Illi fil-każ in eżami l-pretenzjoni tal-konvenuti hi li huma għandhom dritt li jwaħħlu arloġġ u l-fatt biss li huma għamlu applikazzjoni għal dan l-iskop waħeda ma tammontatx għal molestia di fatto kif titlob l-azzjoni ta' spoll, imma hija molestja ta' dritt li semmai kienet tagħti lok għal eżerċizzju tal-azzjoni ta' manutenzjoni".

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

> "...jogħġobha tilqa' dan l-umili appell u tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2018 fl-ismijiet "Joseph u Vincenza konjugi Attard vs. Mario Attard, Damian Attard u l-kumpannija Enemalta plc" (Rikors Maħluf Numru 621/2017 MCH), u minflok tgħaddi biex, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Attard, tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza għall-kontinwazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-istess konvenuti Attard".

8. Rat ir-risposta tal-konvenuti Mario Attard u Damian Attard li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, jissottomettu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, u l-appell intavolat huwa frivolu u vessatorju inkwantu nieqes minn kull utilità għall-appellanti stess;

9. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat**:

11. Illi f'din il-kawża l-atturi jgħidu li huma jippossjedu kamra ġo territorju l-Imqabba li jgawdu b'titolu ta' enfitewsi. Jallegaw illi f'Mejju tal-2017, il-konvenuti Attard daħħlulhom fil-kamra bi ħsieb li jinstallaw arloġġ tad-dawl għall-użu tagħhom fil-parti tat-territorju li hu wżat minnhom bħala barriera. Il-konvenuti jallegaw illi huma kellhom ukoll pussess tal-kamra u meta raw lill-atturi jbiddlu l-katnazz, dakinhar stess żgassaw il-bieb u waħħlu katnazz ieħor – dan jgħidu li għamluh a bażi tal-prinċipju *vim vi repellere licet*. Wara dan l-aġir tal-konvenuti l-atturi reġgħu żgassaw il-bieb tal-kamra huma, għamlu katnazz ġdid, u għadhom huma fil-pussess. L-atturi fetħu din il-kawża fejn iddikjaraw illi l-konvenuti immolestaw u tturbaw il-pussess tal-atturi u talbu li l-konvenuti jreġġu' lura kull att u għemil minnhom kommess.

12. L-Ewwel Qorti qalet li din il-kawża, bħala waħda ta' spoll, ma tistax tirnexxi peress illi ma hemm ebda att jew għemil x'jitreġġa' lura billi l-atturi huma fil-pussess sħiħ tal-proprjetà tagħhom.

13. L-atturi appellaw mis-sentenza bl-argument prinċipali jkun li ma hemm xejn xi jżomm li l-kawża tiġi meqjusa bħala *actio manutentionis* u t-talbiet tagħhom milqugħa.

14. Din il-Qorti tirrileva li, fil-prinċipju, mhux eskluż li jseħħ spoll ta' ħwejjeġ inkorporali jew pussess ta' drittijiet, però, f'din il-kawża l-atturi qed jibbażaw il-kawża tagħhom fuq l-aġir ta' fatt tal-konvenuti li llevaw il-firrolli tal-bieb tal-kamra biex jagħmlu użu mill-istess kamra. Fil-fatt, huma talbu li l-konvenuti jreġġgu' lura kull att u għemil minnhom kommess fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss mill-Qorti, u fin-nuqqas ikunu huma stess awtorizzati biex jittreġġa' lura kull att u għemil kommess mill-konvenuti. Hu ċar għalhekk li l-ilment tal-atturi huwa bażat fuq aggressjoni ta' fatt u qed jitolbu r-reintegrazzjoni tal-pussess esklussiv li jgħidu li għandhom tal-kamra. Li l-kawża hija waħda ta' spoll, jgħiduha l-istess atturi meta fil-verbal tas-16 ta' Novembru, 2017, quddiem l-Ewwel Qorti, l-avukat tal-atturi, fil-preżenza tal-istess atturi, jgħid illi "*l-kawża li għandu quddiemu din il-Qorti kif preseduta* ***hija waħda ta' spoll***".

15. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-kawża trid timxi fuq il-binari ta' spoll għax hekk ġiet determinata mill-atturi stess. Mhux leċitu, għalhekk, li l-kawża titmexxa fuq il-protezzjoni tal-pussess, fis-sens li l-pussess jiġi

mantnut minn kull indħil da parti tal-konvenuti Attard. Il-binari ta' kawża ma jistgħux jinbidlu mill-għażla magħmula mill-attur.

16. Issa, f'dan il-każ, jirriżulta li l-atturi huma ġia reintegrati fil-pussess esklusiv tal-kamra. Il-partijiet għamlu episodju fejn kienu qed jiżgassaw reċiprokament il-katnazz tal-bieb tal-kamra, u l-konvenuti waqfu b'dan l-aġir wara li ġew imwaqqfa milli jkomplu hekk jagħmlu bis-saħħa ta' mandat ta' inibizzjoni maħruġ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq talba tal-atturi. L-aħħar żgass sar mill-atturi u b'hekk dawn żammew il-pussess tal-istess kamra.

17. Darba allura li l-ispoll ġie reintegrat, ma hemmx x'tista' tordna din il-Qorti. Każ simili hija l-kawża fl-ismijiet "**Emanuel Mizzi et v. Pavle Milovanovic et**", deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2023, fejn ġie spjegat hekk dwar l-ispoll kommess f'dik il-kawża:

> "*17. Jirriżulta li saret toqba fil-ħajt il-ġdid li bnew il-konvenuti li minnha reġa' beda jiskula l-ilma minn fuq il-bejt tal-atturi għall-proprjetà tal-konvenuti. L-Ewwel Qorti f'paġni 17-19 tas-sentenza għamlet apprezzament tal-provi dwar dak li sar fil-mori tal-kawża u din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament. Għalkemm mhuwiex ċar jekk it-toqba li saret waqt il-kawża kinitx fl-istess lok fejn tidher il-fetħa fir-ritratt a fol. 4 u 42, jibqa' l-fatt li l-provi juru li l-ilma minn fuq il-bejt tal-atturi qiegħed xorta jiskula għall-proprjetà tal-konvenuti. Għalhekk meta saret it-toqba, irrispettivament minn min għamilha u f'liema parti tal-ħajt ġdid mibni mill-konvenuti, l-iskular tal-ilma mill-bejt tal-atturi għall-proprjetà tal-konvenuti xorta ġie repristinat. Għalhekk ma kienx hemm iktar bżonn li l-Qorti tordna li l-fetħa li tidher fir-ritratti a fol. 4 u 42 terġa' ssir fl-istess post billi l-ostakolu li kien hemm għall-iskular tal-ilma mill-bejt tal-atturi, kien tneħħa*".

Anke f'din il-kawża, l-ostakolu li għamlu l-konvenuti għat-tgawdija esklussiva mill-atturi tal-kamra, tneħħa, u darba dak li kienu qed jilmentaw minnu l-atturi ġie repristinat, l-azzjoni ta' spoll tal-atturi ma tistax tissussisti.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi konjugi Attard billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti għalkollox.

L-ispejjeż ta' dan l-appell, fiċ-ċirkostanzi, ikun jaqbel li jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dan li l-ispejjeż tal-konvenuta Enemalta jitħallsu f'ishma ndaqs miż-żewġ partijiet l-oħra.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm